MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 148/2000/1

**Jesmond Cutajar**

**vs**

**(1) Charmaine Cutajar u**
**(2) Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur u l-konvenuta zzewgu fil-kappella tal-Laboratorju tal-Paci fiz-Zurrieq fil-5 ta’ Marzu 1992, cioe` ftit xhur biss wara li huma saru jafu lil xulxin;

Illi dan iz-zwieg gie skritt fir-registri tar-Registru Pubbliku bhala Att taz-Zwieg Numru 2003 ta’ l-1992;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat ghax kien soggett ghal vjolenza morali jew bizgha;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizjat ukoll b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara z-zwieg kontrattat bejn Jesmond Cutajar u Charmaine Cutajar fil-5 ta' Marzu 1992 null u bla effett ghal kull fini u effett tal-ligi;

2. tordna lill-konvenut Direttur Registru Pubbliku jannota tali nullita` ta' l-Att taz-Zwieg numru 203 ta' l-1992.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur tas-26 ta' Jannar 2000 u d-digriet tal-Qorti tas-6 ta' Marzu 2000 fejn cahdet it-talba ghall-urgenza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur Registru Pubbliku tat-22 t'Awissu 2000 a fol 11 fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi l-prezenza tieghu fil-kawza odjerna hija mehitega biss ghall-finijiet tal-eventwali ezegwibilita` tal-gudizzju,

ghalhekk huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 12 tal-process;

Rat il-verbali tal-31 t'Ottubru 2000 u tal-14 ta' Frar 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Charmaine Cutajar tat-8 ta' Gunju 2001 fejn eccepiet:

1. Illi l-eccepjent taqbel illi z-zwieg taghha ma l-attur huwa null imma mhux ghar-raguni migjuba minnu izda minhabba ragunijiet ohra imputabbli lilu stess.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 17 u 18 tal-process;

Rat il-verbal tal-15 ta' Gunju 2001.

Rat in-nota tal-attur tat-22 ta' Novembru 2001 fejn prezenta l-affidavits tieghu u t'ommu Rina Cutajar (fol 20 sa 24 tal-process).

Rat il-verbal tat-22 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Monica Borg Galea biex tigbor il-provi.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-10 ta' Dicembru 2001 fejn esebiet l-affidavit taghha stess (fol 26 sa 28).

Rat il-verbal tas-17 t'April 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-nota tal-konvenuta tad-9 ta' Settembru 2002 fejn regghet esebiet l-affidavit taghha stess u dak ta' ommha Concetta Formosa (fol 31 sa 35).

Rat il-verbal tat-22 ta’ Ottubru 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u l-Assistent Gudizzjarju Dr Monica Borg Galea nfurmat lill-Qorti li l-provi gew konkluzi; u tas-7 ta’ Jannar 2003 fejn Dr Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-konvenuta rrimmetta ruhu ghall-provi u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Mejju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit tieghu **Jesmond Cutajar** iddikjara illi:

*“Jiena l-kbir fost 3 ahwa subien. Trabbejna mill-ahjar u mort skola sa ma kelli 16-il sena. Kif spiccajt mill-iskola qbadt nahdem mill-ewwel bhala machine-operator ma' ditta jisimha Marka Furniture f’Hal Far. Sena u nofs wara sibt impieg b'kundizzjonijiet ahjar, u ghalhekk tlaqt minn ma' Marka Furniture u mort nahdem f’fabbrika li taghmel l-Aluminium bhala machine-operator ukoll. Wara xi 4 snin ftaht negozju ghal rasi fil-plastering bi tliet lavranti mieghi.*

*L-ewwel tfajla li ghamilt date maghha kien meta kelli 16-il sena. Hrigt ma' xi tfajliet ohrajn, izda malajr qbadt ma' tfajla bi skop serju. Ma' din kont domt nohrog 5 snin, izda mbaghad kelli kwistjoni ma' missierha ghax dan riedni bil-fors immur nghix ma' genbhom, u dan jien ma ridtux ghax fejn dan kien ippretenda li mmorru noqoghdu kien vicin hafna tal-kamra tan-nar ta' Hal Qormi. Minhabba din il-kwistjoni spiccat ir-relazzjoni li kelli ma' bintu.*

*Wara ftit bdejt nohrog ma' Charmaine, il-konvenuta. Lil Charmaine kont ili nafha di vista minn mindu kont tifel ghax din tigi sekonda kugina mieghi, imma ftit li xejn*

*konna nitkellmu. Ftit xhur wara li spiccajt mir-relazzjoni li kelli mat-tfajla li semmejt, iltqajt ma' Charmaine fiz-Zurrieq, u konna ddecidejna li nibdew nohorgu flimkien. Jien kelli 21 sena u Charmaine kellha xi 15-il sena. Ahna konna bdejna nohorgu flimkien bla ebda hsieb ta' zwieg. Nghid li malli bdejna nohorgu flimkien, kien beda ikollna x'naqsmu sesswalment flimkien mill-ewwel. Hi kienet qaltli li kienet diga' kellha x'taqsam mal-boyfriend li kellha qabli. Jien nikkonferma li lili wkoll irrizultali li jien ma kontx l-ewwel persuna li kelli x'naqsam ma' Charmaine sesswalment.*

*Gara li madwar 3 xhur wara li konna ilna flimkien, Charmaine giet tghidli li kienet harget tqila: qalet lili l-ewwel. Kienet bezghet tghid lill-genituri taghha. Imbaghad kienet qalet lil zitha Gulia D'Amato, u din, fil-presenza tieghi, cemplet lil omm Charmaine biex tghidilha b'li gara. Mit-telephone stajt nisma' li fid-dar ta' omm Charmaine inqala' storbju kbir; kont mort inkellem lill-genituri ta' Charmaine u ghidtilhom biex ma jaghmlu xejn lil Charmaine li tista' tkun ta' hsara lit-tarbija li kienet gejja. Nammetti li anqas jien ma ghidt lill-genituri tieghi direttament b'dak li gara. Kont ghidt lin-nanna u din infurmat lill-genituri tieghi b'dan.*

*Omm Charmaine kienet qaltli li jien u Charmaine kellna nizzewgu, u li kellna nsibu post fejn noqoghdu malajr. Jiena rragunajt li peress li Charmaine kien ser ikollha tarbija minni, din it-tarbija kellha dritt titwieled go familja, u bhala tarbija legittima. Ghalhekk accettajt li nizzewweg lil Charmaine. Nispjega li jien kont bdejt nohrog ma' Charmaine f'Ottubru 1991, sirt naf li Charmaine harget tqila f'Jannar 1992, u zzewwigna fit-5 ta' Marzu 1992. Ghalkemm Charmaine kienet ghogbitni bhala apparenza, ma nistax nghid li sa ma wasalna biex nizzewgu ilhaqt sirt nafha jew sirt inhobbha. Kont ili li bdejt insir nafha ftit wisq, u dawn huma affarijiet li jiehdu z-zmien.*

*Jien kont naf li Charmaine kienet habiba ma' wahda jisimha Sharon li kienet mizzewga, izda dejjem tohrog wahedha. Din xejn ma kienet ta' l-affari taghha, u malli*

*ddecidejna li nizzewgu lil Charmaine ghamiltilha kundizzjoni li taqta' l-kuntatti kollha li kellha ma' din Sharon, u Charmaine accettat, u sa fejn kont naf jien hekk gara.*

*Ghandi nghid li kors ghall-preparazzjoni ghaz-zwieg ma konniex ghamilna, u ddecidejna li flok nizzewgu fil-parrocci taghna, nizzewgu fil-Laboratorju tal-Paci. Omm Charmaine ma riedet taghmel ebda riceviment: riedet li nizzewgu fi knisja u niltaqghu ma' tal-familja biss. Ghalhekk ommi ddecidiet li tiehu hsieb it-tieg hi. Madankollu, imbaghad, omm Charmaine dawret xi ftit il-hsieb taghha w offriet li wara li nizzewgu gol-knisja tilqa' lil min ikun prezenti ghall-quddiesa fid-dar taghha. Kif ghidt, fil-5 ta' Marzu 1992 jien u Charmaine izzewwigna fil-kappella tal-Laboratorju tal-Paci f'Hal Far. Waqt il-quddiesa konna stedinna lil dawk prezenti biex min irid seta' jigi ghal 'drink' id-dar ta' omm Charmaine.*

*Wara l-quddies mort ghand omm Charmaine biex niltaqghu man-nies kif ghidt, u imbaghad morna norqdu ghand ommi. Honeymoon ma ghamilniex, u post fejn noqoghdu ma konniex ilhaqna sibna. Jien kont bqajt nahdem bhas-soltu. Charmaine qatt ma kienet hadmet. Ghand ommi kellna kamra ghalina, u l-ikel, it-tindif, il-hasil u dak kollu li taghmel mara tad-dar kienet taghmlu kollox ommi wahedha; Charmaine kienet titlaq ghal ghand ommha minn fil-ghodu, u imbaghad meta jien nispicca mix-xoghol kont immur ghaliha u ngibha ghand ommi. Nghid li wara z-zwieg baqa' jkollna x'naqsmu sesswalment flimkien, izda imbaghad wara xi ftit xhur bdiet iggib l-iskuzi biex izzom 'il boghod minni.*

*F'Ottubru 1992 tweldilna tifel li semmejnih Kurt. Matul il-gurnata ommi kienet tghin lil Charmaine izzomm it-tifel, u meta jien nigi mix-xoghol kont niehu hsiebu kollox jien, inkluz li nahslu u nqum mieghu bil-lejl. Kif ghalaqna 10 xhur mizzewgin sibna post ghalina u morna nghixu fih. Hemmhekk matul il-gurnata kienet tigi omm Charmaine biex tghinha f'dak li kien ikollha bzonn, u meta kont nigi mix-xoghol kont nibda naghmel ix-xoghol tad-dar jien, anke t-tindif kont naghmlu kollu jien. Nghid li kemm*

*domna flimkien kien ikollna argumenti shan, u Charmaine gieli refghet idha fuqi, izda jien kont nittrattha ta' zghira u qatt ma uzajt forza fuqha.*

*L-argumenti principalment kienu jkunu ghaliex jien ma kontx naraha tiehu hsieb binha sew. Kurt kien ibaghti bil-qtugh ta' nifs, u ghalhekk ried attenzjoni specjali. Xi sentejn u 3 xhur wara z-zieg, u cioe' meta Kurt kien ghad l-anqas ghalaq is-sentejn, dan tah qtugh ta' nifs, u Charmaine flok haditu ghand it-tabib haditu l-bahar maghha fix-xemx. Meta wara x-xoghol sirt naf b'dan, inqala' argument kbir bejni u Charmaine, u nfridna. Sirt anke naf li fil-fatt Charmaine qatt ma qatghet ir-relazzjoni intima li kellha ma' Sharon li semmejt, u naf li ghadha tkun maghha sal-lum. Hassejt li Charmaine izzewgitni biss ghax kont missier it-tarbija li kellha.*

*Kurt zammitu Charmaine maghha, izda jien narah spiss u regolari. Kien hemm diversi okkazzjonijlet fejn ibni qalli li ommu kienet torqod ma' xi mara jew tfajla. Jien dan ma nistax nispjegah ghax illum il-gurnata jien u Charmaine ftit li xejn nitkellmu.”*

Illi gie prezentat ukoll l-affidavit ta’ omm l-attur Rina Cutajar.

Illi **l-konvenuta Charmaine Cutajar** xehdet permezz tal-procedura tal-affidavit fejn fih sostniet illi:

“*Nghid li jien izzewigt lil Jesmond Cutajar nhar il-5 ta’ Marzu 1992 u minn din ir-relazzjoni kellna tarbija tifel li llum ghandu disa’ snin.*

*Dak iz-zmien jiena kelli sittax (16)-il sena filwaqt li Jesmond kellu tnejn u ghoxrin (22).*

*Irrid pero` nipreciza li l-affarijiet ma marrux tant kif kien wiehed jistenna.*

*Irrid nghid illi r-relazzjoni ta’ bejni u bejn Jesmond bdiet snin ilu u nghid li kont diga ma Jesmond circa seba’ (7) xhur qabel izzewwigna.*

*Ir-relazzjoni taghna kienet wahda mqanqla u nghid illi fisikament kellna aktar minn rapport wiehed qabel iz-zwieg u darba fost l-ohrajn gara dak li jien qatt ma ridt li jigri u cioe jien kont hrigt tqila.*

*Dak kien avveniment ikrah ghaliha u dan peress illi l-genituri tieghi huma xi ftit tal-knisja zzejjed u din kienet xi haga li appena kont ser nghidilhom biha kienu ser jghamlu storbju shih. Dan l-izjed ghax il-post fejn joqghodu l-genituri tieghi hu wiehed zghir b'tendenza li kulhadd jaf lil xulxin u dawn huma affarijiet meqjusa bhala xi haga kbira.*

*Ghalhekk kelli biza' kbri.*

*B'dan f'mohhi, jien kont tkellimt ma Jesmond u hu, li ftit jew wisq kien fl-istess sitwazzjoni tieghi qbilna li ghal dak il-mument ikun ahjar ikun li nghidu lil genituri taghna b'dak li gara u li ridna nizzewgu.*

*Hekk gara. Inqala storbju shih u l-genituri tieghi kienu keccewni l-barra mid-dar. Dahlu z-zijiet fin-nofs u flimkien mal-genituri tieghi u ta' Jesmond raw kif ghamlu halli l-affarijiet jimxu u fil-fatt iz-zwieg taghna sar fi zmien xahar.*

*Nghid ghaliha ma kontx naf x'hinu jigri.*

*Twieldet it-tarbija u donnu dak li kien gara qabel, ghal genituri sew tieghi u sew tieghu, kien intesa. It-tarbija kienet rebhet l-attenzjoni.*

*Jien bdejt nirkupra minn dak li kont ghadni kif ghaddejt minnu u wara ftit xhur bdejn inhoss is-sikkatura tas-sitwazzjoni. Bdejt inhoss ribeljoni kontra kulhadd ghax bdejt inhoss illi kollox gie mpost fuqi.*

*Ghall-ewwel bdejt niggieled mieghi innifsi u nipprova nipperswadi lili nnifsi li l-affarijiet ridt nipprovhom l-ewwel u li ma kontx qeghda nahseb sew minhabba t-tifel, peress li ghalih kienet ser tkun hafna aktar difficli*

*meta tqis li mhux talli twieled qabel izda issa anke z-zwieg ser jisfaxxa.*

*Ghaddew sentejn u nofs circa. Sentejn u nofs ta' konflitt intern. Ma naqsux l-argumenti bejnietna u fl-ahhar wasal l-ahhar.*

*Darba minnhom xi hadd minnha, ma niftakarx jekk kontx jien jew Jesmond, qabad is-suggett u bdejna niddiskutu l-problemi ta' bejnietna u wasalna ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm triq ohra ghajr li kulhadd imur ghal rasu.*

*Wasalna fi ftehim dwar it-tifel u l-manteniment tat-tifel.*

*Appena wasalna f'dak il-ftehim, Jesmond kien gabar hwejgu u mar joqghod banda ohra. Niftakar li kien joqghod ghand ommu.*

*Nghid li minn dak in-nhar l'hawn ghaddew sitt snin u ghalkemm il-ftehim taghna ghadu hemm sallum, u sew jien u sew Jesmond nitkellmu, ma hemm xejn li b'xi mod jista' jerga' jigbed lili lura lejh.*

*Nghid dan ghax sallum ghadni nhoss u nirribella kontra d-decizjoni tal-genituri tieghi li kienu riedu u galuni nizzewweg bil-fors.*"

Illi l-konvenuta resqet ukoll bhala xhud lill-ommha Concetta Formosa li xehedet ukoll bil-procedura ta' l-affidavit (fol 34).

## <u>(B) Principji Legali.</u>

Illi l-attur fil-premessi tac-citazzjoni tieghu qed jattribwixxi n-nullita' taz-zwieg in ezami fuq:-

"*Billi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat ghax kien soggett ghal vjolenza morali jew bizgha;*

*Billi l-kunsens tal-konvenuta kien vizjat ukoll b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;*

*Billi l-kunsens inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi l-**Att dwar iz-Zwieg (Kap 255), Artikolu 19 (1)** jipprovdi li hemm annullament taz-zwieg:

*"***(a)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';*

**(d)** *il-kunsens tal-partijiet, jew ta' xi wahda minnhom, kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; u/jew*

**(f)** *il-kunsens ta' wahda mill-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga".*

Illi dwar l-**artikolu 19(1) (a) tal-Kap 255** din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu, 2000) diga` kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza' u ghalhekk din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess sentenzi u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** (P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid*

*tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll, fil-kaz "**Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilta` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza` tista` tkun ukoll *"reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza` lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru,1982), il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza` ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza` fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza` li taqa' taht l-***artikolu 19 (a)***."*

Illi pero' mill-provi prodotti ma ngabet ebda prova dwar fejn kienet din il-biza', u certament li mill-provi prodotti vjolenza fizika u / jew morali ma kienx hemm, u ghalhekk fuq din il-bazi t-talba attrici qed tigi michuda anke jekk il-Qorti tista' tifhem l-istat tal-attur meta rrinfaccjat minn omm u missier il-konvenuta li hija kienet harget tqila u

nsistew mieghu li kellhu jsir iz-zwieg, li in verita’ gie organizzat kollu minn ommha.

Illi l-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

*“(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”.*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga’ kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta’ ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J.,*** **“Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated.”** *(Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – **Art. 19 (1) (d)** – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali **("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-*

*obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii*" hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gja` nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena" **(Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia,*** **"Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** *(Padova, 1984), p. 46).*

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra *sive* Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (*ara, **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju **("Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)" **(Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** *(Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti.*

*Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja` gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei*

*rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole"* (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233*).*

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **{Can. 1095 (3)}** tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilita` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale",* jghid il-***Bersini****, "rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. cit., *p. 99).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

*Illi dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties*

*should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”* (***Viladrich, P.J.***, op. cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **“Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee’ Sultana”** (P.A. (VDG) 17 ta’ Novembru 2000 u **“Anna Galea vs John Walsh”,** (P.A. (VDG) tat-30 ta’ Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”.*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

*"**art.19 (1) (f)** "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi*

*parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) 1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

**(C) APPREZZAMENT TAL-PROVI**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta pruvat li l-unika raguni ghaliex il-konjugi zzewgu kien biss peress li l-konvenuta nqabdet tqila qabel iz-zwieg, tant li anke f'dik li hija kronologija ta' kif imxew l-affarijiet jirrizulta li din il-konkluzjoni hija ineccepibbli, fil-fatt l-attur beda johrog mal-konvenuta, meta din kellha biss 15-il sena, f'Ottubru tan-1991, il-kontendenti saru jafu li l-konvenuta kienet harget tqila f'Jannar 1992, u fil-5 ta' Marzu 1992 huma fil-fatt izzewgu.

Illi jidher car li bejn il-kontendenti kwazi kwazi lanqas id-decizjoni li jizzewgu ma kienet taghhom, tant li jidher car li fil-fatt saret pressjoni fuq il-kontendenti mill-genituri tal-partijiet sabiex isir dan iz-zwieg, li sar ta' malajr malajr, bla ebda preparamenti hlief dak necessarju sabiex issir ic-celebrazzjoni tal-istess u minghajr ma' l-kontendenti kellhom fejn joqghodu, tant li marru jghixu f'kamra ma' omm l-attur.

Illi jinghad ukoll illi din id-decizjoni da parti tal-konvenuta li tizzewweg kienet ukoll ittiehdet fid-dawl tal-fatt li l-genituri ta' l-istess kienu keccewha minn darhom meta saru jafu li binthom kienet harget tqila, u biex saret ir-rikonciljazzjoni mal-genituri taghha jidher li kellu jsir dan iz-zwieg.

Illi dawn il-konkluzjonijiet huma bbazati ovvjament fuq il-provi kollha prodotti li jidhru li huma unanimi fuq dan il-punt, inkluz l-affidavit ta' l-attur, l-affidavit ta' Lina Cutajar – omm l-attur, fl-affidavit tal-konvenuta u ta' Concetta Formosa – omm il-konvenuta, u f'dan ir-rigward din il-Qorti jirrizultalha li hemm biss konluzjoni wahda li tista' tittiehed, u qed tittiehed fic-cirkostanzi tal-kaz, u cioe` dik diga dikjarata li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg minhabba l-imsemmija tqala tal-konvenuta.

Illi dan ovvjament jimmilita kontra dak li huwa l-kunsens necessarju sabiex wiehed jidhol ghal tali zwieg fejn certament fil-kaz *de quo* anke minhabba l-fatti speci tal-kaz u in partikolari s-sitwazzjoni li jinsabu fiha, inkluz l-imsemmija tqala, m'hemmx dubbju li l-kontendenti

kellhom kemm difett serju ta' deskrizzjoni fuq il-hajja mizzewga, tant li fuq l-istess hajja l-istat li kienu fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma kienux kapaci jiffurmaw gudizzju, u wkoll jidher car li la darba l-iskop taghhom kien biss sabiex l-istess wild jitwieled fiz-zwieg, huma effettivament eskludew elementi essenzjali tal-hajja mizzewga inkluz il-fedelta`, l-konvivenza u l-animu li jghixu l-hajja in komunjoni flimkien, b'dan ghalhekk li jista' jinghad ukoll li l-kunens taghhom kien vizzjat bl-eskluzzjoni posittiva ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u b'dan ghalhekk li din il-Qorti tiddikjara li dan iz-zwieg ghandu jigi annullat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255**.

Illi dwar l-ewwel premessa msemmija mill-attur jirrizulta wkoll pruvat li l-kunsens tal-konvenuta kien suggett ghall-vjolenza morali prattikata fuqha mill-genituri taghha u din il-Qorti qed tasal ghal din il-konkluzjoni anke mill-latt oggettiv ta' kif wiehed ihares lejn dan il-kwezit, u dan peress li meta tqis li l-konvenuta kellha biss 15-il sena rinfaccjata bi tqala ta' eta` daqshekk tenera, l-pressjoni fuqha biex tizzewweg neccessarjament kienet insopportabbli ghaliha meta tqis il-mod kif il-genituri taghha irreagixxew ghall-ahbar tat-tqala taghha, tant li keccewha minn darhom, u allura din il-Qorti thoss li taht dan l-aspett il-konvenuta kellha l-kunsens vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255**.

Illi ghalhekk in konkluzjoni dan iz-zwieg ghandu jigi annullat ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-kap 255** u ghar-ragunjiet imputabbli lill-konvenuta abbazi tal-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255.**

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara z-zwieg kontrattat bejn Jesmond Cutajar u Charmaine Cutajar fil-5 ta’ Marzu 1992 huwa null u bla effett ghal kull fini u effetti tal-ligi u tal-**artikolu 19 (1) (a) (d) u (f) tal-Kap 255**;

2. Tordna lill-konvenut Direttur Registru Pubbliku jannota tali nullita` ta’ l-Att taz-Zwieg numru 2003 ta’ l-1992.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------